MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2527/2003

**Herman Bonaci f'ismu proprju u esercitanti l-kummerc bhala Herman Bonaci Productions**

**Vs**

**Effects Marketing Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1499 (elf erba' mija u disgha u disghin lira Maltin) dovuti ghal bejgh ta' 'airtime' televiziv.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fil-21 ta’ Jannar 2004 u  naqas li jidher meta gew ipprezentati l-kapitoli fit-23 ta’ Frar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------